**Il-Każin tal-Banda San Gabriel iħabbar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Marija Annunzjata – Patruna ta' Ħal Balzan**

## MIS-17 TA' LULJU SAL-1 TA' AWWISSU 2010

# 1920 - 2010

## *90 Sena Socjeta'*

## *Il-Glorji tal-Imgħoddi...Garanzija tal-Ġejjieni.*

- **Is-Sibt 17 ta' Lulju 2010**

***Fit-8.30pm*** **- BBQ Night** fil-ġnien tal-każin, kulħadd huwa mistieden. Prezz €15 il-kbar €7 it-tfal. Tfal taħt l-10 snin b'xejn. Għal din l-attivita' ser ikollna *Live Entertainment*. Booking mill-Bar tal-każin jew ċemplu 2144 5840.

- **Il-Ħadd 18 ta' Lulju 2010**

***Fit-8.30pm*** **- Festa Music Gathering Party** fil-ġnien tal-każin, attivita' organizzata mis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ. Dħul b'xejn.

- **It-Tnejn 19 ta' Lulju 2010**

***Fit-8.00pm*** **- Kunċert mill-Banda San Gabriel** fil-ġnien tal-każin. Il-Banda San Gabriel tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella mgħejjun mill-Assistent Surmast Tony Carbonaro.

## ❖ It-Tlieta 20 ta' Lulju 2010

***Fis-7.30pm* - Tagħrif** mill-istoriku Balzani Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed. Conus. [Bristol], Dip Sch. Couns dwar il-mużika tal-Familja Nani inkonnessjoni mal-Parroċċa u l-festa tal-Lunzjata. Mistieden speċjali l-Baxx Joe Vella Bondin.

## ❖ Il-Ħamis 22 ta' Lulju 2010

***Fis-7.15pm* - Kunċert Ġenerali** fil-ġnien tal-każin. Il-Banda San Gabriel tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella. Jieħu sehem il-Kor Amadeus Chamber li jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai.

## ❖ Il-Ġimgħa 23 ta' Lulju 2010

***Fit-8.00pm* - Riċeviment għall-membri u l-benefatturi tas-Soċjeta'**. Isiru diskorsi tal-okkażjoni u jitqassmu tifkiriet ta' apprezzament. Kull min hu mistieden għal din l-okkażjoni għandu jirċievi invit.

## ❖ Is-Sibt 24 ta' Lulju 2010

***Fl-10.00am* - Żjara lill-Anzjani** li jgħixu weħidhom fil-Parroċċa kif ukoll lil dawk li huma residenti fid-dar Casa Antonia. Jingħataw tifkira tal-okkażjoni.

***Fit-8.30pm* - Buffet Pasta Night** fil-ġnien tal-każin. *Live Entertainment* minn **RENATO**. Kulħadd huwa mistieden. Prezz €13 il-kbar. €6 it-tfal. Tfal taħt l-10 snin b'xejn. Booking mill-Bar tal-każin jew ċemplu 2144 5840.

## ❖ Il-Ħadd 25 ta' Lulju 2010

***Fit-8.00pm* - Tombla Night Party** fil-ġnien każin. Prezz €7. Jitqassam ikel u xorb għal din l-okkażjoni. Booking mill-bar tal-każin jew ċemplu 2144 5840.

## ❖ It-Tnejn 26 ta' Lulju 2010

***Fis-6.30pm* – Quddiesa** fil-Knisja Parrokkjali għall-membri tal-Għaqdiet Mużikali u l-għaqdiet l-oħra tal-Parrocca. Il-membri huma mħeġġa biex jattendu.

***Fis-7.30pm* - Ħruġ tal-vara artistika ta' Marija Annunzjata min-niċċa**. Il-Banda San Gabriel issellem bid-daqq tal-Ave Maria. Wara l-Banda San Gabriel tagħmel marċ li jibda minn Triq l-Għerusija – Triq Antonio Bosio - Triq Dun Ġwann Zammit Hammett – Triq Sir A. Micallef – Triq Balaguer – Triq iz-Zekkuk – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira [Posta] – Triq il-Kbira – Pjazza Bertu Fenech – Każin tal-Banda San Gabriel.

## ❖ It-Tlieta 27 ta' Lulju 2010

***Fis-7.00pm* - Kunċert Ġenerali** fil-ġnien tal-każin bil-parteċipazzjoni tal-Banda San Gabriel li tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella kif wkoll tal-Kor Amadeus Chamber li jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cefai.

## ❖ L-Erbgħa 28 ta' Lulju 2010 – L-Ewwel Jum ta-Tridu

***Fil-5.30pm* – Iż-żewġ baned ta' Ħal Balzan** Marija Annunzjata u San Gabriel jingħaqdu f'Mass Band sabiex jakkumpanjaw lin-Novell Saċerdot Balzani Fr. Blake Camilleri mid-dar tiegħu fi Triq San Franġisk sal-Knisja Parrokkjali fejn iqaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu.

***Fit-8.00pm* - Marsovin Wine and Beer Festival** fil-ġnien tal-każin. Dħul b'xejn. *Live Entertainment* minn Carbonaro & Friends Live Band. Kids area li tinkludi *balloon modelling* u *face* painting bejn 8.30pm u 9.30pm. Stand b'ħelu tradizzjonali Malti. Diversi offerti u rigali tal-birra *1565* u inbid *La Torre*.

## ❖ Il-Ħamis 29 ta' Lulju 2010 – It-Tieni Jum tat-Tridu

***Fit-8.00pm* - Il-Banda San Gabriel** tagħmel marċ li jibda minn Trejqa Papa Alessandru – Triq il-Papa Alessandru – Triq Valent Muscat - Triq il-Kbira sal-Każin, fejn il-Banda San Gabriel tesegwixxi Programm Mużikali fuq il-planċier. Jieħu sehem il-Kor Amadeus Chamber li jkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Brian Cefai. Il-Banda San Gabriel tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Vella bl-għajnuna tal-Assistent Surmast Tony Carbonaro. Kulħadd huwa mistieden. Ser ikun hemm siġġijiet għad-dispozizzjoni tal-pubbliku biex ikun jista' jsegwi b'mod komdu dan il-programm. Imexxu l-Programm Marlene Abela u Joe Vella. Diversi sorpriżi, kif ukoll silta mużikali tkun akkumpanjata mil-logħob tan-nar!

## ❖ Il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2010 – L-Aħħar Jum tat-Tridu

***Fid-9.00pm* - Fil-pjazza ż-żewġ baned ta' Ħal Balzan San Gabriel u Marija Annunzjata** fil-preżenza tal-WR Kappillan Dun Kalċidon Vassallo jdoqqu l-*Ave Maria*. Wara l-Banda San Gabriel takkumpanja l-istatwa tal-Arkanġlu San Gabriel fost il-briju tal-partitarji u jimxu ghal Triq il-Kbira – Triq San Valentino – Triq Sisner –Triq Idmejda - Triq San Valentino - Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-Każin. Hawnhekk il-banda ddoqq diversi innijiet f'ġieh l-Arkanġlu San Gabriel filwaqt l-istatwa tittellgħa fuq il-pedestall maestuż biswit il-kazin. Diversi sorpriżi u spettaklu uniku mħejji mis-Sotto-Kumitat Żgħażgħ lejn tmiem il-marċ.

## ❖ Is-Sibt 31 ta' Awwissu 2010 – Lejljiet il-Festa

***Fit-8.30pm* - Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara** tagħmel marċ li jibda minn Triq Siġismondu Dimech – Triq l- Annunzjata – Triq il-Kbira - Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-Każin.

## ❖ Il-Ħadd 1 ta' Awwissu 2010 – Jum il-Festa – Jum is-Soċjeta'

***Fis-6.30pm* - Il-Banda Stella Maris ta' tas-Sliema** tagħmel marċ li jibda minn Triq il-Kbira [Posta] sa fuq iz-zuntier tal-knisja.

***Fis-7.30pm* - Waqt ħruġ il-purċissjoni** bl-istatwa artistika u devota ta' Marija Annunzjata Patruna ta' Ħal Balzan tindaqq l-*Ave Maria* kompożizzjoni ta' Charles Gounod. Jakkumpanja l-Banda Stella Maris it-Tenur Andrew Sapiano.

***Fid-9.00pm* - Il-Banda San Gabriel** takkumpanja l-purċissjoni minn Triq Sisner – Triq San Valentino – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sa kantuniera Triq San Valentino.

***Fid-9.45pm -*** X'ħin il-vara artistika u devota ta' Marija Annunzjata tasal ħdejn il-Knisja ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira, il-kantant residenti f'Ħal Balzan **Renato Micallef** ikanta l-*Ave Maria*.

***Fl-10.30 pm* – Waqt dħul il-vara tal-Lunzjata, il-Banda Stella Maris** iddoqq l-*Ave Maria.* Jakkumpanja l-Banda Stella Maris it-Tenur Balzani Elia Cassar.

***Fil-11.00pm -* Il-Banda San Gabriel** tieħu sehem b'marċ brijuż hekk imsejjaħ bħala l-marċ tal-aħħar li jibda minn Triq l-Annunzjata – Triq il-Kbira – Triq Santa Marija – Triq il-Kbira sal-każin fejn tiġi fi tmiemha l-Festa tal-Lunzjata 2010.

# IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD.
# *VIVA MARIJA ANNUNZJATA*

---

- **Donazzjonijiet għaż-żewġ baned ta' Jum il-Festa**

  ***Is-Sur Ray Debono u s-Sur Joe Attard se jkunu nkarigati mill-ġbir għall-baned ta' Jum il-Festa. Is-Sur Ray Debono nkarigat jiġbor il-marċ tal-aħħar mill-Banda San Gabriel u s-Sur Joe Attard se jkun nkarigat jiġbor għall-Banda Stella Maris.***

- **T-Shirts tal-Festa ġodda**

  ***Bħal kull sena għall-okkażjoni tal-Festa tal-Lunzjata ġewwa Ħal Balzan isiru flokkijiet tal-Festa. Din is-sena il-flok hu blu u fuq quddiem issib il-logo tad-90 sena bil-kulur u qed jinbiegħu għall-prezz ta' €5.***

- **Ktieb tal-Festa 2010**

  ***Bħas-snin l-imgħoddija ser jigi ppubblikat il-ktieb tal-Festa. Il-pubblikazzjoni li hija s-26 waħda, din sena ser tkun l-akbar waħda li qatt saret. Diversi artikli, ritratti ta' interess u l-programm sħiħ tal-Festa. Għalhekk kulħadd għandu jakkwista kopja. Donazzjoni tiġi apprezzata ħafna!***

- **Ritratt KBIR tal-Istatwa ta' Marija Annunzjata**

  ***Ritratt speċjali u ideali biex jitwaħħal mal-galleriji, twieqi u faċċati fil-ġranet tal-Festa. Jinxtara mill-Kazin għall-prezz ta' €3.***

- **Ktieb 90 Sena ta' Storja miktub fl-okkażjoni tad-90 sena mit-twaqqif, kif ukoll is-CD ġdida ta' marċi brijużi**

  ***Ħu ħsieb li takkwista kopja tal-*****Ktieb 90 Sena** ***miktub minn Silvio Cassar għall-prezz ta' €3. Tinsiex ukoll is-CD ġdida ta' marċi brijużi li għadha kif saret fl-okkażjoni tad-90 sena għall-prezz ta' €10.***

**AKTAR INFORMAZZJONI: www.stgabrielbandclub.com**